MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 436/2009

**Gollcher Company Limited (C3701)**

**vs**

**Leisure and Theme Park Limited (C8161)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u wiehed u tletin Euro u ghoxrin centezmi (€1,931.20), ai termini tal-*invoice number* 244923, rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ghal servizzi rezi u spejjez sbursati u inkorsi fuq istruzzjonijiet tas-socjeta' intimata.

Ghalkemm is-socjeta' intimata giet debitament interpellata, permezz ta' ittra legali u ittra ufficjali, sabiex thallas, hija naqset milli tottempra ruhha.

Bl-imghax mit-8 ta' April, 2008 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra legali

tat-13 ta' Novembru, 2008, tal-ittra ufficjali tas-7 ta' April, 2009 u dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-prezenti, kontra s-socjeta' intimata, li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf, disa' mija u wiehed u tletin Euro u ghoxrin centezmi (€1,931.20), bl-imghax kif mitluba.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------